DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR 151196** **27.05.2015**

## L-ISPEAKER TAL-KAMRA TAD-DEPUTATI JIPPRESJEDI L-11-ILSESSJONI TAL-EKOSKOLA PARLAMENT

Aktar minn 150 student minn skejjel differerent illum ħadu sehem fil-11-ilsessjoni tal-EkoSkola li nżammet fil-Parlament.

Is-sessjoni kienet ippresseduta mill-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati Anġlu Farrugia li sema' u laqa' l-proposti tal-istudenti, liema proposti kienu jikkonċernaw il-"*Millenium Development Goals*".

L-Ispeaker Anġlu Farrugia tenna li l-ħidma favur il-paċi hija l-pedament jekk nemmnu li rridu nindirizzaw il-problemi u l-kriżijiet li qed jiffaċċjaw diversi persuni, l-aktar dawk li qed isofru l-faqar.

**Attachments: photos** 

3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775
press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt